MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru 386/2003

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)

vs

Mark Lawrence Rizzo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 216383(M) akkuzat talli:

1. f’Mejju 2002, matul il-gurnata f’Ta’ Xbiex, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu, jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta’ taghrif falz dwar rapport ta’ habta ta’ karozza – dan ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9;

2. fl-istess zmien bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta’ kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred ‘l hawn u ‘l hemm jew gharraq b’xi mezz li jkun hwejjgu, ghamel ‘claim’ mal-kumpanija ‘Rausi Insurance’ dwar accident bil-karozza, liema accident kien sehh qabel, kif ukoll ta’ tgharif falz lill-kumpanija ‘Rausi Insurance’ – dan ai termini tal-Artikolu 295 tal-Kap 9;
3. hu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra, kif ukoll ikkommetta r-reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-provi kollha fil-kawza huma diretti u jissostanzjaw it-tieni u t-tielet akkuzi.

Skond it-tieni akkuza l-imputat huwa akkuzat bi frodi dwar sigurta’ sancit fl-Artikolu 295 tal-Kap 9. Issa fil-konfront ghal dan ir-reat id-dokumenti jitkellmu wahedhom. Jirrisulta minghajr ombra ta’ dubbju li l-incident tat-traffiku li sehh bejn il-vettura JAB 649 u l-JBE 061 gara fis-6 ta’ Mejju 2002 u dak li segwa, senjatament il-hrug tal-polza ta’ assikurazzjoni mis-socjeta’ assikuratrici ‘Rausi Insurance’, kien frott ta’ frodi billi principalment gie manomess id-dokument li jinsab esebit fl-atti a folio 31. Ix-xhud, il-Prokuratur Legali Noel Bianco, stqarr li s-socjeta’ minnu rappresentata ossija s-socjeta’ assikuratrici ‘Rausi Insurance’ kienet harget assikurazzjoni fuq il-vettura JBE 061 fit-13 ta’ Mejju 2002 u jumejn wara l-imputat intavola ‘claim’ li tinsab esebita a folio 32. L-intendiment tal-imputat kien kwindi wiehed car u l-frodi kienet tikkonsisti

filli hu nqeda b'certifikat manomess biex jircevi jew jittanta jircevi l-hlas kemm ghal hsara sofferta fil-vettura tieghu l-JBE 061 u kemm tal-vettura l-ohra involuta fl-incident u dan meta palesement kienet il-vettura tieghu, irrispettivament minn min kienet qeghdha tinstaq, li kienet fit-tort ghall-incident.

Minn dan kollu jirrisulta li kien hemm falsifikazzjoni tad-dokument esebit a folio 31 li jikkonsisti f'dokument pubbliku u kien hemm ukoll l-frodi jew ahjar l-attentat ta' frodi fil-konfront tas-socjeta' assikuratrici. Pero', fil-waqt li fil-konfront tat-tieni cirkostanza m'hemm l-ebda dubbju li kien involut direttament l-imputat, mhux wkoll fil-konfront tal-ewwel, li hu x'inhu il-kaz, hu sostanzjat biss b'dokument esebit in fotokopja u ghalhekk ma jikkostitwixxix l-ahjar prova f'kull evenjenza.

Dwar it-tielet u l-ahhar akkuza li jirrisulta hu li l-imputat ikkommetta id-delitt li bih hu akkuzat illum fil-perjodu ta' sentenza sospiza.

Ghaldaqstant, tiddikjara lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet akkuza sakemm din titratta l-kommissjoni tar-reat odjern waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Rat fir-rigward is-sejba ta' htija fir-rigward it-tieni reat l-Artikolu 41(a) u 295 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat sena prigunerija li qeghdha pero' tissospendi ghall-perjodu ta' erba snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9.

Rat fir-rigward it-tielet akkuza ghal parti li tirrizulta l-Artikolu 28B tal-Kap 9 u tiddecidi li ma taghmilx ordni taht is-subartikolu wiehed izda minflokk tvarja l-ordni tas-sentenza sospiza billi tbiddel l-perjodu originali operattiv f'wiehed ta' erba' snin dekorribbli mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara li qeghdha taghmel dan mhux minhabba li r-reat mhux gravi izda sabiex taghti l-ahhar opportunita' lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------